# L-Istatwa Titulari ta' Marija Assunta meqjuma fil-Mosta

*Kitba ta' Mark Micallef B. Accty (Hons)*



L-istatwa titulari ta' Marija Mtellgħa s-Sema meqjuma fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Mosta kien ħadimha l-iskultur Mosti Mastru Salvatore Dimech fl-1868 minn zokk ta' żebbuġa. Fl-1948 l-iskultur magħruf ta' żmienna, Ċensu Apap, għamel fiha tibdil kbir u hekk taha x-xeħta li għandha llum. Qabel ma' Dimech għamel l-istatwa oriġinali, għall-purċissjoni ta' nhar Santa Marija kienet tintuża l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

L-istatwa tal-Assunta kif kien għamilha l-iskultur Mosti Salvatore Dimech (1805-1887) fl-1868, kienet tassew opra fl-injam. Kienet skolpita fi stil li jispira f'min iħares lejha devozzjoni kbira, għax l-awtur tagħha x'aktarx li bħal artisti oħrajn ta' żmienu, kien jappartjeni lil dak il-moviment ġdid fl-arti msejjaħ "Tan-Nazzareni". Dan il-moviment kien nibet biex jara li fl-arti reliġjuża terġa' tidħol dik id-devozzjoni li kien inħass li naqset fil-perjodi l-oħrajn li speċjalment meta l-arti kienet iddominata mill-istil barokk.

Grupp ta' nies fil-Mosta, li qatt ma waslu biex jifhmu dan l-istil, twebblu li jbiddlu jew jirranġaw l-istatwa. Ġara għalhekk li matul l-1947 l-awtoritajiet tal-knisja tal-Mosta ddeċidew li l-istatwa ta' Santa Marija ta' Dimech kellha biss tittranġa. Dan minħabba l-biża' li jekk issir waħda ġdida u tibqa' l-qadima setgħu jinqalgħu l-partiti.

Bejn is-snin 1946 u 1947 il-magħruf skultur ta' żmienna, Ċensu Apap, għamel abbozz żgħir tal-ġibs li tpoġġa għall-wiri fis-sagristija ta' fejn hemm il-bomba. Fl-istess waqt Apap ħejja wkoll abbozz kbir tal-ġibs biex juri kif kienet ġejja l-istatwa bejn wieħed u ieħor. Dan l-abbozz kien tpoġġa għall-wiri fil-Kappella tal-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu`. B'xorti tajba dan l-abbozz wieħed għadu jista' jarah f'kamra mal-ġenb tal-imsemmija kappella tal-Oratorju, mertu tal-ħabbrieki Direttur Dun Anġ Camilleri (Iż-Żgħir). Apap ħadem dan l-abbozz il-Mosta stess, f'remissa fi Triq il-Kbira, qrib fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. Kien għenu fih il-futur skultur magħruf Mosti Ġanni Bonnici.

Kif għaddiet il-festa tal-1947 il-vara ħaduha għand Apap Tas-Sliema, fejn kellu l-ħanut/studju tiegħu fi Qui-Si-Sana. Kien hemm min qalli li tgħidx kemm beka dak in-nhar li l-vara ttieħdet.

Mill-istatwa oriġinali ta' Dimech, Apap ħareġ dik li għandna llum. Ċekknilha l-mant/ kappa li

kellha u tellgħalha idejha 'l fuq. Rasha ġiet merfugħha kemmxejn iżjed 'il fuq. Sieqha l-leminija ġiet tidher iżjed imdendla għal fuq is-sħaba. Mill-istess sħaba li tnaqqset minn quddiem, Apap ħareġ il-wiċċ ta' puttin iħares mgħaxxaq lejn l-Assunta. Iż-żewġ anġli li kellha l-qadima, wieħed iżomm it-tarf tal-mant miftuħ b'idu l-waħda u l-ieħor iżomm girlanda tal-fjuri, inbiddlu għal kollox f'żewġ anġli xejn inqas sbieħ, iħarsu 'l fuq, mitlufin f'hena li ma tittfissirx u mħaxknin madwar is-Sultana tagħhom.



Il-Madonna, f'poża u b'panneġġi aktar klassiċi milli le, tidher maqbuda f'estasi filwaqt li tielgħa lejn is-sema. Wiċċha sabiħ u devot jhennik u bħal jurik li diġà qiegħda tipparteċipa minn dik il-glorja tal-għaġeb li kienet predestinata għaliha sa mill-eternita`.

F'inqas minn sena l-istatwa nbidlet u ġiet indurata. Biex jilħaq jirranġha, Apap kellu bilfors bżonn lil xi ħadd jgħinu. Ma kinitx tkun lesta għal kollox għall-festa li kieku ma nqalgħax l-iskultur Antonio Buhagiar, iben l-iskultur u ebanista msemmi Manwel Buhagiar.

Antonio Buhagiar ħadem b'suċċess iż-żewġ anġli artistiċi u l-pali ta' idejn il-Madonna fuq l-abbozzi li kien għamillu Apap.



L-istatwa ħaduha għall-induratura l-Belt Valletta għand id-Ditta Coleiro ta' Strada Cristoforo. Il-pittura tal-anġli, tal-wiċċ u l-bqija tal-karnaġġjon saru minnu stess, il-pittur imsemmi Willie Apap. Ta' min jgħid li l-isfumturi koħol qawwijin ta' taħt għajnejha li kien għamillha Willie Apap ma ntgħoġbux u wara xi snin, fi żmien l-Arċipriet Galea, wiċċha kien reġa' pittirulha l-Kav. Rafel Bonnici Cali`.

L-istatwa l-"ġdida" ta' Santa Marija żżanżnet il-□add, 8 ta' Awissu, 1948. Dik is-sena l-Mostin għaddew parti mill-Kwindiċina mingħajr il-vara. Fil-lejl ta' qabel iżżanżnet il-vara kienu ħarġuha mgħottija mill-Oratorju u tellgħuha fuq l-ispalla f'tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Kien kixifha Dun Pawl Calleja, li dak iż-żmien kien qiegħed jagħmilha ta' Viċi Parroku minflok l-Arċipriet Dun Karm Sciberras, li kien marid. Dun Pawl poġġa madwar ras il-Madonna stellarju ġdid tad-deheb li



nġabar minn fost il-poplu Mosti. Tbierket minn Mons. Antonju Buhagiar.

Issa li kienet lesta l-vara, ħafna xtaqu li jkollha wkoll pedestal tal-fidda flimkien ma' bankun ġdid. Għal dan il-għan tqabbad id-disinjatur, skultur u ebanista magħruf Manwel Buhagiar biex jagħmel disinn, kemm tal-pedestal kif ukoll tal-bankun. Ghal xi raġuni jew oħra l-kurja ma kinitx għaddiethom. Tqabbad imbagħad id-disinjatur u skultur xejn inqas imsemmi Carmelo Tonna tar-Rabat, li għamel id-disinji kemm tal-pedestall kif ukoll tal-bankun.

Fl-aħħar id-disinn ta' Tonna għadda u hekk inbeda x-xogħol tal-bankun li nħadem il-Gżira mill-imgħallem Ġużeppi Tonna, ħu l-istess Carmelo Tonna, mgħejjun ukoll mill-imgħallem Mosti Ġanni Aġius. Fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Pawl Galea nbeda l-ġbir biex isir il-pedestall tal-fidda, imma din l-opra baqgħet ma saritx minħabba li l-knisja nqalgħulha affarijiet oħrajn iżjed ta' ħtieġa.

Il-bankun artistiku tal-Assunta żżanżan nhar l-Ewwel tat-Tridu Mqaddes, il-□add, 11 ta' Awissu, 1957. Huwa bankun tal-ġewż Amerikan mill-isbaħ, imżejjen bi statwi u riljievi tal-bronz, xogħol l-iskultur Ruman Carlò Pisi. Sewa b'kollox madwar Lm4,000.

Lejn għeluq il-mitt sena minn meta l-Mosta kellha l-ewwel statwa ta' Santa Marija kien sar sandli tad-deheb imżejjen bid-djamanti għal riġlejn il-Madonna. Bi tħejjija għall-festi kbar tal-Inkurunazzjoni reġa' ġie indurat il-pedestall oriġinali tal-vara, għamla ta' qabar monumentali, imżejjen bl-irjus ta' erba' kerubini, l-uniku tifkira li baqa' mill-opra ta' Dimech.

Naħseb li l-isbaħ siegħa għall-istatwa ta' Santa Marija kienet dik tal-ghodwa tal-15 ta' Awissu 1975, meta f'għeluq il-festi memorabbli tal-Inkurunazzjoni l-Kardinal Corrado Ursi, minn fuq il-pulptu, libbes ċurkett prezzjuż fis-subgħa ż-żgħir t'id ix-xellugija ta' din l-istatwa.

Għaxar snin wara din il-ġrajja, fl-għodwa wkoll ta' nhar il-15 ta' Awissu, 1985, l-Isqof Pollakk Marian Pryzkucki libbes lill-istatwa ċintorin tad-deheb imżejjen bid-djamanti. F' din l-okkażjoni l-istatwa ta' Santa Marija kienet reġgħet ġiet indurata mill-imgħallem Emanuel Darmanin tal-Belt Valletta. Reġa' żebagħha l-pittur Kavallier Rafel Bonnici Cali`.

Mingħajr ebda dubju l-istatwa tal-Assunta tal-Mosta kif sawwarha Ċensu Apap minn dik oriġinali ta' Salvu Dimech hi xogħol artistku ieħor li dan l-iskultur kbir Malti żied mal-bqija ta' xogħlijiet oħrajn fir-Rotunda u f'postijiet oħra. Fiha, bħal f'ħafna mix-xogħlijiet tiegħu toħroġ dik il-monumentalita` li kien jaf joħloq l-artist.